MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru. 803/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

***Omissis***
**Christopher Micallef**

Kumpilazzjoni Numru: 803/2008

**Illum, 23 ta' Frar 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

*Omissis*

U

L-imsemmi Christopher Micallef ta’ 26 sena, bin Joseph u Anna nee’ Portelli, imwieled fit-13 ta’ April, 1982 gewwa l-Pieta’ u residenti fil-fond 156, Flat 3, Triq San Kristofru, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 223582M.

U akkuzati talli matul is-sena 2008 u snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnhom li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda, f’dawn il-Gzejjer,

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Anna Micallef detentrici tal-karta ta’ l-Identita’ 270552M, mart u omm iz-zewg imputati rispettivament, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom.
2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil Anna Micallef detentrici tal-karta ta’ l-identita’ 270552M, mart u omm iz-zewg imputati rispettivament, biza li se tintuza vjolenza kontriha meta kienu jafu jew misshom kienu jafhom li l-imgieba taghhom se tikkaguna lil Anna Micallef hekk tibza kull darba minn dawk l-okkazzjonijet;
3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gabu ruhhom b’mod li taw fastidju lil Anna Micallef u/jew b’mod li kienu jafu misshom kienu jafu li dan kien ta’ fastidju ghal Anna Micallef,
4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ikkagunaw diversi offizi fuq il-persuna ta’ Anna Micallef detentrici tal-karta ta’ l-identita’ 270552M, mart u omm iz-zewg imputati rispettivament u cioe’ wahda mill-persuni imsemmija fl-Artikolu 222(1)(a)(b), liema offizi jitqiesu li huma hfief.
5. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebbew kontra Anna Micallef sabiex jingurjawha, idejquha u/jew jaghmlulha hsara,
6. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurjaw u/jew heddu lil Anna Micallef,

U kontra Christopher Micallef wahdu akkuzat talli

7. nhar is-27 ta’ Awissu, 2008 ghal habta ta’ 11:45hrs gewwa r-residenza tieghu 156 Flat 3, Triq San Kristofru, Valletta, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ l-Probation Officers Trevor Calafato u Marilyn Attard, waqt li kien ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz,
8. fl-istess zmien u cirkostanzi, kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mil-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta,
9. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi Christopher Micallef irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Anna Micallef u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Anna Micallef ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitor, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti ai termini ta’l-artikoli:
a. 41(1)(a), 214, 216, u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. 214, 221, u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. 7, 21, 22, 23, u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h. 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

i. 17, 23, 31, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 23 ta’ Frar 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali ta’ l-imputat li minnha jidher li minkejja d-diversi opportunitajiet li nghata biex jirriforma ruhu l-imputat baqa jippersisti f’l-agir illegali tieghu.

Illi konsegwentment il-Qorti hija tal-fehma li m’ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja ghar-reati odjerni u li titrattat ma’l-imputat ghar-reati li taghhom jinstab hati fil-25 ta’ Gunju 2007.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 41(1)(a), 95, 214, 216, 221, 222(1)(a), 251A, 251B, 252(1), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 7, u 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

In oltre il-Qorti qed titratta ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati permezz ta’ sentenza moghtija fil-25 ta’ Gunju 2007 u fil-waqt li tikkonferma l-htija ghall-imputazzjonijiet hemm indikati taghhom tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------